MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Numru. 22/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Colin Mifsud ta' 46 sena iben Victor u Jean nee' Ellul Mercer, imwieled St. Julians fit-12 ta' Marzu 1964 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0143864(M) u residenti nru. 63, Pontail Triq Blanche Huber, Sliema.**

Il-Qorti**,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Colin Mifsud li gie akkuzat talli:

1. fix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2008, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjha reat kontinwat, f'Park Towers Supermarket f'Santa Venera u fil-vicinanzi, ghamel

attentat vjolenti ghal pudur ta’ Joanne Baldacchino bi ksur ta’l-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. akkuzat ukoll talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi bhala manager fil-Park Towers Supermarket f’Santa Venera, b’mod li ta fastidju lil persuna ohra, u b’mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna, ta fastidju lil Joanna Baldacchino minn Hal Qormi bi ksur ta’l-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 29 (1)(2) tal-Kapitolu 452 u l-artikolu 32 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-12 ta’ Jannar 2009, sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’zewg akkuzi ewlenin u cioe’ dak ta’l-attentat vjolenti ghal pudur u ir-reat ta’ l-hekk ismejjah “harassement”, kemm dak ikkontemplat fil-Kodici Kriminali kif ukoll dak previst fil-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta billi l-allegati fatt sehhew fuq il-post tax-xoghol ta’l-imputat fejn l-parti leza kienet impjegata ukoll.

Illi l-imputat kien impjegat bhala manager mal-Park Towers Supermarket gewwa Santa Venera. Jidher illi Joanne Baldacchino, tfajla ta’ sbatax-il sena, kienet impjegata l-ewwel fil-*customer care department* tas-*supermarket* imbaghad hadet *promotion* bhala *cashier supervisor*. Jidher illi fil-kors tax-xoghol taghha dina Baldacchino kienet tigi ta’ spiss f’kuntatt ma’l-imputat u jidher illi nibtet hbiberija bejniethom. Madanakollu Baldacchino tallega illi l-imputat beda jaghtiha fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol, u kien hemm okkazzjonijet fejn anke messha intimament. Din Baldacchino tikkontendi illi hija kienet tipprova tirresisti dawn l-avvanzi sesswali, izda tghid illi l-imputat kien izommha bil-forza. Dana dam ghaddej ghal madwar erba xhur u cioe’ bejn ix-

xhur ta’ Awwissu u Dicembru 2008. Jidher illi fil-15 ta’ Dicembru 2008 missier l-gharus ta’ dina it-tfajla kien mar ifittixha fuq il-post tax-xoghol peress illi xi persuna mhux maghrufa kienet gharrfitu illi kien hemm xi kunfidenzi bejnha u bejn l-imputat u ghalhekk huwa kien mar hemmhekk sabiex jivverifika dak li kien qed isehh. Hija ghalhekk stqarret mieghu illi l-imputat kien qieghed jittantaha u ghalhekk dak in-nhar stess hija telqet minn fuq il-post tax-xoghol.

Illi min-naha tieghu l-imputat jichad dana kollu. Huwa jikkontedi illi huwa minnu li kien hemm hbiberija bejnu u bejn din Baldacchino, u li huma kienu imorru tajjeb flimkien fuq il-post tax-xoghol. Peress illi huma kienu jqattghu hafna hin flimkien jghid illi ghalhekk kien hemm certu kunfidenzi bejniethom, izda huwa jinnega illi qatt ghamel xi avvanzi sesswali fuq dina l-impjegata. Fil-fatt huwa jsostni illi hija harget b’din l-istorja tal-fastidju hekk kif giet ikkonfrontata minn missier l-gharus taghha fuq il-hbiberija li kien hemm bejniethom. Huwa jressaq bhala prova ta’ dana sensiela ta’ sms’s li gew skambjati bejniethom lejliet il-gurnata meta Baldacchino giet ikkonfrontata minn missier l-gharus taghha. F’dawn l-sms’s Baldacchino tistieden lill-imputat imur izurhom fis-supermarket peress illi dak in-nhar huwa ma kienx xoghol. Dana kien fil-gurnata tal-14 ta’ Dicembru 2008. Anke mid-diskors li jinghad f’dawn l-sms’s jidher illi kien hemm certu kunfidenza bejn dawn it-tnejn minn nies. L-imputat ghalhekk isostni illi li kieku dina it-tfajla kienet iffastidjata mieghu minnhabba dan il-fatsidju zgur li hija ma kenitx ser tkellmu b’dak il-mod. Inoltre kien hemm anke okkazzjoni meta l-imputat kien irranga appuntament ghal Baldacchino ma’ specjalista gewwa l-isptar St. Philip’s u kien anke akkompanjaha ghal dana l-appuntament fil-ghaxija wara li kienu spiccaw mix-xoghol fis-supermarket. Jghid illi wara li hargu mill-isptar huma qaghdu jpejjpu sigarett u jitkellmu barra.

Illi ghalhekk id-difiza tikkontendi illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat qatt ma jistghu jissusistu peress illi l-volonta’ ta’ dawn it-tnejn minn nies ma kienux opposti kif jirrikjedi il-Carrara fid-definizzjoni li huwa jaghti ta’ dak li jikkostitwixxi

l-attentat vjolenti ghal pudur. Difatti f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gerald Cassar (deciza fit-18 ta' Lulju 1959) gie deciz:

"***L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)"***

***"Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.***"

Illi l-istess jista' jinghad dwar iz-zewg akkuzi l-ohra tal-fatsidju ibbazati il-wahda fuq dak dispost fil-Kodici Kriminali u l-ohra kif ikkontemplat fil-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan l-ahhar reat il-ligi madanakollu taghti definizzjoni mill-iktar ampja dwar dak li jikkostitwixxi il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. F'dawn ir-reati kollha il-volonta' tas-suggett attiv u dak tal-vittma tieghu ghandhom ikun opposti fis-sens illi l-azzjoni necessarjament trid issir kontra il-volonta' jew ix-xewqa tal-vittma. Illi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 452 jiddisponi testwalment:

***"1. L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju lil impjegat iehor jew jaghti fastidju lill-principal billi jassoggetta lil dik il-persuna ghal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta'kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, li rigward dik il-persuna huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistghu u ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.***

***2. L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lil impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejha "l-vittma") billi –***

***(a) jassoggetta l-vittma ghal att ta' intimità fizika; jew***
***(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew***
***(c) jassoggetta l-vittma ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, fejn -***
***(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jiqiesu bhala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma;***
***(ii) il-vittma tigi ttrattata b'mod differenti, jew jista' ragonevolment jigi anticipat li l-vittma tista' tigi hekk trattata, bhala rizultat tat-tichid jew is-sottomissjoni taghha ghal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta.***

Il-ligi fil-fatt tuza ripetutament it-test **"jassoggetta"** jew **"tassogetta"** b'dan ghalhekk irid jigi imfisser illi persuna qed tigi imgieghla taghmel affarijiet kontra il-volonta' taghha u iktar 'il quddiem imbaghad hemm imfisser car illi l-azzjoni trid tkun tali illi tkun wahda 'mhux mixtieqa mill-vittma'.

It-test taht l-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 huwa differenti. Il-ligi tiddisponi:

**(1) Persuna li iggib ruhha:**
**(a) b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra, u**
**(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna, tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu.**
**(2) Ghall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qeghda iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qjies ta' persuna ragonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.**

**Il-ligi issemmi zewg cirkostanzi u cioe' dik fejn l-azzjoni tkun kjarament wahda ta' fastidju u cirkostanzi ohra fejn il-persuna li tkun qed taghmel l-azzjoni imissha ragjonevolment tkun taf illi dik l-azzjoni minnha maghmula tkun qed tohloq fastidju lil persuna ohra. Ovvjament dana il-fastidju irid ikun sehh f'iktar minn okkazzjoni wahda ghaliex il-ligi tuza il-kelma 'imgieba' li fil-gurisprudenza nostrana giet interpretata li tfisser 'a course of conduct'[1]**

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti sabiex tasal biex tiddetermina jekk l-imgieba ta'l-imputat kienx jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom huwa jinsab akkuzat trid necessarjament tanalizza x'kienet l-imgieba kemm ta' Baldacchino, l-allegata vittma ta' dana ir-reat kif ukoll l-imgieba ta'l-imputat fil-konfront taghha u tistabilixxi ghalhekk jekk il-volonta taghhom kenitx wahda opposta jew le.

Illi Baldacchino tikkontendi illi l-imputat kien jagheml certu avvanzi sesswali fil-konfront taghha li kienu idejjquha. Dawn sehhew f'diversi okkazjonijiet meta huma kienu jkunu wahdehom. Tikkontendi illi f'dawn l-okkazzjonijiet l-imputat messha íntimament u li hija ma haditx gost b'dina l-imgieba u ghalkemm kienet tipprova twaqqfu, madanakollu dana kien kollu ta' xejn ghaliex huwa kien iktar b'sahhtu minnha u kien ikun impossibbli ghaliha li tahrab minnu. Illi il-prosekuzzjoni tressaq zewg xhieda, li huma zewg tfajliet li kienu jahdmu gewwa il-Park Towers Supermarket li ukoll jikkontendu illi l-imputat kien jaghtihom fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. L-imputat madanakollu ma giex akkuzat illi ta fastidju lil dawn iz-zewg tfajliet. Ix-xhieda taghhom lanqas ma tikkorrobora dik ta' Baldacchino ghaliex fl-ebda parti mix-xhieda taghhom ma jghidu illi huma kienu xhieda tal-fastidju illi Baldacchino tallega li sofríet minn taht idejn l-imputat.[2] Huma jitkellmu biss dwar il-fastidju sesswali li kienu jsofru huma minnghand l-imputat u jieqfu

[1] Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-24/04/2009

[2] Ara xhieda ta' Roxanne Farrugia u Amanda Calleja a fols. 27u 29.

hemmhekk. Ghalkemm isostnu illi jafu illi kien hemm tfajliet ohra li lmentaw minn dina l-imgieba ta'l-imputat madanakollu huma qatt ma kienu xhieda ta' dawn il-fatti fuq haddiehor.

Il-Qorti madanakollu trid tanalizza x'kien qed jigri bejn Baldacchino u l-imputat u mhux bejn l-imputat u terzi ghaliex ghalkemm jista' ikun minnu illi huwa kien jaghmel xi avvanzi sesswali fuq tfajliet ohra li kienu jammontaw ghal fastidju, madanakollu b'dana ma ifissirx illi l-imgieba tieghu fil-konfront tal-parti leza f'dana il-kaz kien jammonta ghal fastidju sesswali wkoll jew ghal xi attentat vjolenti fuq il-pudur taghha. Jekk il-volonta' ta' Baldacchino ma kenitx opposta ghal dik ta'l-imputat allura ghalkemm jista' ikun illi kien hemm tfajliet ohra li ma kenux qed jiehdu pjacir bl-avvanzi ta'l-imputat, jista' jaghti il-kaz illi l-parti leza ma kenitx qed tiddejjaq b'dina l-imgieba.

Illi fl-ewwel xhieda taghha quddiem il-Qorti, Baldacchino tikkontendi illi hija dejjem opponiet l-avvanzi sesswali li kien jaghmel l-imputat fuqha. Tghid illi meta huwa kien imissha, hija kienet tipprova tersaq lura u twarrablu idejh. Tikkontendi illi f'okkazzjoni partikolari huwa sahansitra qabadha minn ghonqha u anke kienet titolbu bil-hniena biex ihallieha.[3] Tghid illi dana dam ghaddej ghal madwar erba' xhur bejn Awwissu u Dicembru tas-sena 2008. Illi mix-xhieda ta' Baldacchino in kontro-ezami madanakollu johrog car illi hija kellha relazzjoni tajba ma'l-imputat tant illi kienu saru hbieb u anke kienet tiddiskuti mieghu dwar l-affarjiet personali taghha bhal per ezempju r-relazzjoni taghha mal-gharus fejn kienu anke jiddiskutu dwar id-delizzju tal-gharus taghha ta'l-ghasafar u iz-zwiemel. In kontro-ezami wkoll tizvela illi kien hemm okkazzjoni meta hija kienet marret ma'l-imputat l-isptar Saint Philips tard fil-ghaxija wara li spiccaw mix-xoghol. Dana sehh ghal habta ta' Novembru. F'din l-okkazzjoni tghid illi fuq insistenza ta'l-imputat kif lestew mill-isptar huma kienu qaghdu ipacpcu u jpejjpu sigarett barra qabel ma irhewlha lejn id-dar. Meta imbaghad Baldacchino tigi ikkonfrontata fuq sensiela ta' sms's li bghatet lill-imputat fil-gurnata tal-14 ta'

---

3 Ara xhieda ta' Joanna Baldacchino a fol.18

Dicembru 2008, meta hija tistaqsieh jekk kienx ser imur izurhom fuq il-post tax-xoghol ghalkemm kien qieghed bil-leave, hawnhekk ix-xhieda taghha ma tibqax wahda koerenti. Fil-fatt hija tibda issir titubanti fit-twegibiet taghha u lanqas ma tibqa' konsistenti. Ghalkemm ghall-ewwel tichad illi qatt bghatet sms's lill-imputat, meta imbaghad ikkonfrontata b'dawn l-sms's tammetti illi hija kienet baghtet xi sms's lill-imputat. Imbaghad meta mistoqsija mill-Qorti jekk meta marret ghall-appuntament gewwa l-isptar Saint Philips, l-imputat kienx diga qed jaghtiha fastidju hija twiegeb li ma tafx u ma tahsibx, meta fix-xhieda taghha tikkontendi illi l-imputat kien ilu jaghtiha fatsidju sa minn Awwissu. Imbaghad izzid tghid illi ma tiftakarx ix-xhur ezatt u d-dati meta kien isehh dana l-allegat fastidju. In kontro-ezami wkoll tammetti illi fil-15 ta' Dicembru 2008 missier l-gharus taghha kien mar fuq il-post tax-xoghol sabiex jaffronta lilha u mhux lill-imputat ghaliex kien irceva informazzjoni illi hija u l-imputat kienu close wisq fuq il-post tax-xoghol u li kien hawnhekk illi hija qaltlu illi l-imputat kien qieghed jaghtiha fastidju. Il-Qorti ghalhekk ghandha dubbju serju dettat mir-raguni dwar jekk fil-verita' il-volonta ta' Baldacchino kenitx wahda opposta ghal dik ta' l-imputat, jekk verament Baldacchino kenitx qed tigi assoggettata ghal dina l-imgieba mhux xierqa u jekk fil-verita' l-imputat kienx qed idejjaqha bl-attenzjoni zejda tieghu.

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat jelabora iktar fuq dina l-hbiberija li kien hemm bejnu u bejn Baldacchino, hbiberija li fl-opinjoni tal-Qorti ma kenitx wahda xierqa tenut kont tal-posizzjoni ta' awtorita' li kien jokkupa l-imputat. Illi ma hemmx dubbju illi bejn l-imputat u Baldacchino kien hemm certu kunfidenzi zejda, kunfidenzi li x'aktarx kienu bdew fuq inizjattiva ta'l-imputat, izda li Baldacchino ma kenitx tiddejjaq bihom, tant illi l-imputat sahansitra beda jaghti promotions lill-istess Baldacchino, promotions li wasslu wara qasir zmien illi hija kienet bdiet tahdem fis-supermarket. Fil-fatt jidher illi dawn il-promozzjonijiet kienu qed idejjqu lill-kollegi taghha fuq il-post tax-xoghol tant illi hija stess tistqarr illi l-imputat kien jghidlha sabiex ma taghtix kaz lil dawn in-nies. Illi mix-xhieda ta'l-imputat johrog ukoll illi l-mod kif kienu jitkellmu l-imputat u

Baldacchino bejniethom ma kienx diskors ta’ bejn superjur u impjegata, izda kien diskors ta’ certu kunfidenza bhal per ezempju meta l-imputat kien ighaddi rimarki fuq l-ilbies ta’ taht ta’ Baldacchino. Tant kien hemm kunfidenza bejniethom fuq il-post tax-xoghol illi sahansitra jidher illi kien hemm terza persuna injota illi kienet kixfitha ma’ l-gharus u missier l-gharus taghha li hekk kif saru jafu b’dan marru jaffrontawha fuq il-post tax-xoghol u hawnhekk Baldacchino stqarret maghhom illi kien l-imputat li kien qed jaghtiha fastidju. Illi ghalkemm l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-imgieba ta’l-imputat fil-konfront ta’l-impjegati subalterni tieghu, bhala manager fuq il-post tax-xoghol ma hija xejn ezemplari, madanakollu mill-provi akkwizti f’dana il-process hemm dubbju dettat mir-raguni jekk fil-kaz in dizamina sehhx l-allegat abbuz fil-konfront tal-parti leza Joanna Baldacchino.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------